REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1860

tas-6 ta' Novembru 2019

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1313/2014 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċertu frott taċ-ċitru ppreparat jew ippreservat (jiġifieri mandolin, eċċ.) li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Awwissu 2018, il-Kummissjoni ġiet ikkuntattjata minn Zhejiang Xinshiji Foods Co., Ltd., li talbet bidla f'isimha.

(2) Zhejiang Xinshiji Foods Co., Ltd. indikat li kienet bidlet isimha għal Zhejiang Juzhou Foods Co., Ltd.

(3) Il-Kummissjoni eżaminat l-informazzjoni mogħtija u kkonkludiet li l-bidla fl-isem ma taffettwa bl-ebda mod is-sejbiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1313/2014 ([2]).

(4) Barra minn hekk, Zhejiang Xinshiji Foods Co., Ltd. innotifikat lill-Kummissjoni li ma kinitx għadha relatata ma' Hubei Xinshiji Foods Co., Ltd.

(5) Waqt l-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni sabet marġni medju peżat ta' dumping, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, bid-dazju mhux imħallas, ta' 136,3 % għal Zhejiang Xinshiji Foods Co., Ltd. u l-produttur relatat tagħha Hubei Xinshiji Foods Co. ([3]). Ġew imposti miżuri anti-dumping ta' EUR 490,7/tunnellata fuq Zhejiang Xinshiji Foods Co., Ltd. u l-produttur relatat tagħha Hubei Xinshiji Foods Co., Ltd. skont il-kodiċi TARIC A888.

(6) Wara li vvalutat l-evidenza pprovduta lilha, il-Kummissjoni aċċettat li tabilħaqq kien hemm biżżejjed evidenza biex Zhejiang Xinshiji Foods Co., Ltd. u Hubei Xinshiji Foods Co. ma jibqgħux jitqiesu relatati għall-finijiet tal-liġi tal-UE dwar l-anti-dumping.

(7) Sabiex jiġi żgurat il-ġbir effettiv tad-dazji anti-dumping fis-seħħ, il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1313/2014 biex jirrifletti l-marġnijiet ta' dumping individwali ta' dawn iż-żewġ produtturi. Wara l-iżvelar lill-partijiet ikkonċernati, ma waslu l-ebda kummenti.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilita bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU L 354, 11.12.2014, p. 17.
([3]) ĠU L 350, 30.12.2008, p. 35, premessa (23) u ĠU L 178, 5.7.2008, p. 19, premessa (49).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1313/2014 huwa sostitwit b'dan li ġej:

'2. L-ammont tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u manifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandu jkun kif ġej:

Kumpanija	EUR/tunnellata ta' piż nett tal-prodott	Kodiċi addizzjonali TARIC
Yichang Rosen Foods Co., Ltd, Yichang, Zhejiang	531,2	A886
Zhejiang Taizhou Yiguan Food Co. Ltd, Huangyan, Zhejiang	361,4	A887
Zhejiang Juzhou Foods Co., Ltd, Sanmen, Zhejiang	499,9	C528
Hubei Xinshiji Foods Co., Ltd., Dangyang City, Hubei Province	489,7	A888
Il-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun kif imniżżel fl-Anness	499,6	A889
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	531,2	A999'

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER